# BEATI U QADDISIN...APRIL

**IL-BEATU GAKBU OLDO (1364 – 1404)**

**APRIL 19**



Gakbu Oldo ghadda minn konverzjoni radikali li mexxietu biex jidhol terzjarju frangiskan u aktar tard ha l-Ordni Sagri.

Twieled fis-sena 1364 go familja sinjura minn Lodi fl-Italja. Izzewweg ta' eta' zghira u kemm huwa kif ukoll martu kien jghixu hajja tax-xalar.

Il-mewt ta' habibu dahhlitu ftit go qoxortu meta haseb li hekk kif habibu kien hemm mixhut got-tebut, hekk huwa kellu jkun jum wiehed. Imma sal-hsieb biss wasal u dan malajr tar minn mohhu. Il-jum tal-konverzjoni kien ghadu ma wasalx. Jum wiehed waslet fil-belt fejn kienu joqghodu esebizzjoni ta' reproduzzjoni tas-Santu Sepulkru. Bhala cajta Gakbu imtedd fuq is-Santu Sepulkru biex jikkompara t-tul tieghu ma' dak ta' Kristu.

Malli mtedd fuqu huwa hass li kellu jikkonverti; hekk ghamel u ftit wara dahal terzjarju frangiskan.

Ghal l-ewwel kemm martu kif ukoll ommu kienu jopponulu l-bidla li sehhet fih imma ftit wara raw kemm kien ghaqli u huma wkoll dahlu jaghmlu parti mit-terz'ordni frangiskana. Id-dar taghhom bidluha f'kappella u kien jiehdu hsieb il-morda u jahdmu mal-prugunieri.

Meta l-mara ta' Gakbu mietet huwa sar sacerdot. Kien jaghmel hafna penitenza hekk iebsa li kien l-isqof tieghu stess li ordnalu li jiekol ghal inqas tlett darbiet fil-gimgha.

Kien predikatur tajjeb hafna li spira bosta nies biex ihaddnu l-hajja religjuza. Wasal biex habbar il-bidu tal-gwerrer u anke il-hin ta' mewtu. Miet fl-eta ta' 40 sena fis-sena 1404.  Meta fethu l-qabar seba' snin wara mewtu sabu li gismu kien inkorrot.